MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2009

Numru. 160/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Ernest Cilia bin Emmanuele u Matilda nee' Pisani, imwieled fl-4 ta' Frar, 1961 u residenti Karlu Flats, Flat 7, Triq il-Qbajjar, Zebbug (Ghawdex), Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 141661(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Ernest Cilia li gie akkuzat talli ghan-nom u in rappresentanza ta' DYCK INTERANTIONAL LTD u/jew bhala l-persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta'

l-1998) u regolamenti maghmula bi-sahha ta’ l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xhar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta’ taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (13) id-denunzja li saru dovuti fil-perijodi li ntemmu fil-31 ta’ Awissu 2005 sal-31 ta’ Mejju 2008 u dan bi ksur tal-artikoli 27 u 76 (c) u 82(2) ta’ l-Att Nru.. XXIII ta’ l-1998;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista’ jaghmel dan, liema zmien m’ghandux jeccedi tlett xhur, taht multa ta’ mhux inqas minn erba’ ewro u hamsa u sittin centezmu u mhux aktar minn tlieta u ghoxrin ewro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe’ 27 u  76 (c), 82(2) ta’ l-Att XXIII ta’ l-1998;

Ikkunsidrat;

Illi mid-dokumenti rrizulta illi l-imputat huwa l-persuna registrata mal-Vat Department u anke ammetta fix-xhieda tieghu illi kien mela r-returnes madwar xahrejn ilu u ghalhekk oltre t-terminu permess mill-Ligi;

Kwindi l-akkuza tirrizulta ppruvata u ghalhekk il-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta’ tmien mitt ewro (€800).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------